V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10969 — XXXLUTZ / HOME24)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 96/05)

1. Fis-7 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LSW GmbH ("LSW", l-Awstrija), ikkontrollata minn LSW Privatstiftung ("LSWPS", l-Awstrija);

— SGW-Immo-GmbH ("SGW-Immo", l-Awstrija), ikkontrollata minn WSF Privatstiftung ("WSFPS", l-Awstrija);

— home24 SE ("home24", il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika.

LSW u SGW-Immo jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' home24 kollha kemm hi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— LSWPS u WSFPS, ukoll billi jikkontrollaw bi sħab XXXLutz KG, it-tnejn huma attivi fil-bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir tad-dawl u oġġetti oħra tad-dar fi ħwienet speċjalizzati f'ħafna pajjiżi tal-UE,

— home24 hija ħanut online attiv fis-settur tal-bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir tad-dar u oġġetti tad-dar fl-Ewropa kontinentali u l-Brażil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10969 — XXXLUTZ / HOME24

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË